31999D0873

L 340/106 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 31.12.1999

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tas-17 ta' Diċembru 1999
## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar l-arranġamenti għall-importazzjoni fil-Komunità ta' żejt taż-żebbuġa mhux trattat li joriġina mit-Tuneżija

(1999/873/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi

(1) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri ġie nnegozjat bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija biex jiġu mtawwla għall-perjodu 1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 200 l-arranġamenti dwar l-importazzjoni fil-Komunità ta' żejt taż-żebbuġa mhux trattat li joriġina mit-Tuneżija kif previst fl-Artikolu 3 tal-Protokoll 1 tal-Ftehim Ewro-Mediterran li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija minn naħa l-oħra ([1]);

(2) Dak il-Ftehim għandu jiġi approvat f'isem il-Komunità,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar l-arranġamenti għall-importazzjoni ta' żejt taż-żebbuġa mhux trattat u li joriġina mit-Tuneżija hu hawnhekk approvat f'isem il-Komunita.

It-test ta' dan il-Ftehim hu anness ma' din id-deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill hu hawnhekk awtorizzat jinnomina persuna bis-setgħa li tiffirma dan il-Ftehim biex jorbot lill-Komunita.

Magħmula fi Brussel, 17 ta' Diċembru 1999.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. HEMILÄ

([1]) ĠU L 97, 30.03.1998, p. 1.